**160. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġużè Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra dan li ġej għandu jirregola l-Proċedura dwar l-Estimi Ġenerali tal-ispiża għall-perijodu April/Diċembru 1979 bħala parti mis-sena finanzjarja 1979/80; u l-Estimi Supplimentari għas-sena finanzjarja 1978/79.

<u>Provvedimenti Ġenerali</u>

1. Illi jekk il-Kamra tiltaqa' filgħodu, hi għandha tiltaqa' fid-9.00 a.m. u l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol għandu jkun fis-1.00 p.m. (Ref. Ordni Permanenti 8(1) u 9;

2. Illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis, għandu jsir biss xogħol tal-Gvern (Ref. Ordni Permanenti 8(2);

1. Estimi Ġenerali

(a) <u>Kumitat ta' Provvistà</u>

1. Illi meta l-Kamra tkun f'Kumitat ta' Provvista, fil-ħin stabbilit għall-interruzzjoni tax-xogħol, kull jum, iċ-Chairman iqiegħed għal vot il-mistoqsija li dak il-ħin tkun taħt konsiderazzjoni u jkompli jqiegħed għall-vot il-mistoqsijiet fuq il-voti tal-Estimi wieħed wara l-ieħor, kif jidhru fuq l-agenda għal dik il-ġurnata, mingħajr ma titħalla diskussjoni, iżda emendi jistgħu jkunu mressqa minn Ministru u jitqiegħdu għal vot mingħajr diskussjoni (Ref. Ordni Permanenti 71(f) u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi ġodda mingħajr avviż, titqiegħed mingħajr diskussjoni;

2. Illi l-votazzjoni kollha li jintalbu qabel id-9.00 p.m. fil-ġranet tal-Kumitat ta' Provvista, ma jitteħdux fil-ħin li fih jintalbu, iżda jittieħdu fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta li tkun; billi l-ewwel votazzjoni tittieħed wara ħames minuti li tintalab u l-votazzjonijiet l-oħra kollha jekk ikun hemm jittieħdu immedjatament wara, mingħajr ma jgħaddu l-għoxrin minuta bejn votazzjoni u oħra (Ref. Ordni Permanenti 84);

3. Illi fil-jiem imħollija għal Kumitat ta' Provvista, il-voti għandhom jittieħdu kif jidhru hawn taħt:

<u>L-EWWEL JUM</u>

<u>PRIM MINISTRU</u>

| | |
|---|---|
| Vot | 1 - Uffiċċju tal-President |
| - | 2 - Kamra tad-Deputati |
| - | 3 - Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| - | 4 - Forzi Armati ta' Malta |
| - | 5 - Avjazzjoni Civili |
| - | 6 - Statistika |
| - | S38 - Korp tal-Pijunieri u dirgħajn il-Maltin |
| - | VII - Żvilupp ta' l-Ajruport |

MINISTERU TAL-INTERN

| | |
|---|---|
| Vot | 7 - Pulizija |
| - | 8 - Ħabs |

MINISTERU TAL-AFFARIJIET BARRANIN

| | |
|---|---|
| Vot | 9 - Affarijiet Esteri |

IT-TIENI JUM

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA, ARTIJIET, DJAR U AFFARIJIET TAL-PARLAMENT

| | |
|---|---|
| Vot | 10 - Legali |
| - | 11- Servizz Ġudizzjarju |
| - | 12 - Artijiet |
| - | 13 - Djar |
| - | XIII - Djar |

MINISTERU TAX-XOGĦLIJIET U SPORT

| | |
|---|---|
| Vot | 25 - Xogħlijiet Pubbliċi |

| | |
|---|---|
| - | 26 – Ilma: |
| - | 27 - Dawl tat-Toroq |
| - | VIII - Ilma |
| - | IX - Toroq |
| - | X - Drenaġġ |
| - | XV - Sport, Bini u Ġonna Pubbliċi |

<u>IT-TIELET JUM</u>

<u>MINISTERU TAL-FINANZI, DWANA U INVESTIMENTI FINANZJARJI TAL-POPLU</u>

| | |
|---|---|
| Vot | 17 - Finanzi |
| - | 18 - Teżor |
| - | 19 - Servizzi Mixxellanji |
| - | 20 - Pensjonijiet |
| - | 21 - Dejn Pubbliku u Piżijiet fuq il-bini |
| - | 22- Taxxi Interni |
| - | 23 - Dwana |
| - | 24 - Uffiċċju ta' l-Awditur |
| - | S.39 - Servizzi u Provvisti Diversi |

<u>MINISTERU TAX-XOGĦOL KULTURA u GĦAJNUNA SOĊJALI U</u>

| | |
|---|---|
| Vot | 14 - Xogħol, Kultura u Għajnuna Soċjali |
| - | 15 – Benefiċċji tas-Sigurta' Nazzjonali |
| | 16 - Mużew |
| - | XIV - Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali |

<u>IR-RABA' JUM</u>

<u>MINISTERU TAL-IŻVILUPP, ENERĠIJA, PORT U TELEKOMUNIKAZZJONIJIET</u>

| | |
|---|---|
| Vot | 28 - Ministeru ta' l-iżvilupp, Enerġija, Port u Telekommunikazzjonijiet |
| - | 29 - Posta |

| | |
|---|---|
| - | 30 - Portijiet |
| Vot | S.41 - Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta |
| - | I - Tiswija u Bini ta' Vapuri |
| - | II - Telekommunikazzjonijiet |
| - | III - Żvilupp ta' l-Industriji |
| - | XI - Żvilupp tal-Port |
| - | XII- Elettriku |

IL-ĦAMES JUM

MINISTERU TAL-KUMMERĊ, INDUSTRIJA U INDUSTRIJI PARASTATALI U TAL-POPLU

| | |
|---|---|
| Vot | 33 – Kummerċ, Industrija u Industriji Parastatali u tal-Poplu |

IS-SITT JUM

MINISTERU TAS-SAĦĦA U TAL-AMBJENT

| | |
|---|---|
| Vot | 34 - Saħħa |
| - | XVI – Saħħa |

MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI

| | |
|---|---|
| Vot | 36 - Edukazzjoni |
| - | 37 - Bibblijoteki Pubbliċi |
| - | XVII - Edukazzjoni |

IS-SEBA'JUM

MINISTERU TAS-SAJD U AGRIKOLTURA

| | |
|---|---|
| Vot | 31 - Biedja |
| - | 32 - Sussidji |
| - | IV - Biedja u Sajd |
| - | VI - Impriża għall-bejgħ tal-ħalib |

MINISTERU TAT-TURIŻMU

Vot 35 - Ministeru tat-Turiżmu

\- VI- Turiżmu

(b) Riżoluzzjoni skont l-Ordni Permanenti Nru 82

4.Illi d-diskussjoni fuq ir-Riżoluzzjoni skont l-Ordni Permanenti Nru 82 ma għandhiex tieħu aktar min seduta waħda u li fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol titqiegħed kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex tintemm din id-diskussjoni;

(c) Abbozz ta' Liġi dwar l-Appropjazzjoni

5. Illi l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Approprjazzjoni ta' somma għas-servizz għall-perijodu April/Diċembru 1979 bħala parti mis-sena finanzjarja 1979/80 ikun, jekk meħtieġ, eżentat mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (Ref. Ordni Permanenti 94); u jkun dikjarat urġenti u li stadji tiegħi kollha jittieħdu f'seduta waħda (Ref; Ordni Permanenti 93); u li f'din is-seduta, il-ħin tal-interruzjonijiet tax-xogħol ikun fid-9.30 p.m. u li l-ħin tal-Aġġornament ma jitteħidx u l-Kamra taġġorna mingħajr ma ssir il-mistoqsija;

6. Illi d-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi fil-Kumitat u fuq it-Tielet Qari, għandha tieqaf fid-9.30 p.m. jekk ma tkunx intemmet qabel u li f'dan il-ħin titkompla l-proċedura kollha meħtieġa biex issir mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn rigward il-bqija ta' l-istadji kollha ta' l-Abbozz ta' Liġi; iżda anke jekk ikun għadd l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol Ministru jista' jressaq emendi u klawsoli ġodda mingħajr avviż li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi, klawsoli, jew klawsoli ġodda mingħajr avviż titqiegħed mingħajr diskussjoni.

7. Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu fi kwalunkwe stadju tal-Abbozz ta' liġi ma jitteħdux fil-ħin li fih jintalbu iżda jittieħdu fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol billi l-ewwel votazzjoni tittieħed wara ħames minuti li tintalab u l-votazzjonijiet l-oħra kollha, jekk ikun hemm jittieħdu immedjatament wara, mingħajr ma jgħaddu l-20 minuta bejn votazzjoni u oħra (Ref: Ordni Permanenti 84).

2. ESTIMI SUPPLIMENTARI

1. Illi l-abbozz ta' Liġi dwar l-Approprjazzjoni ta' somma għas-sena finanzjarja 1978/79 ikun, jekk meħtieġ, eżentat mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (Ref. Ordni Permanenti Nru. 94) u jkun dikjarat urġenti u l-istadji tiegħu kollha jistgħu jittieħdu f'seduta waħda (Ref. Ordni permanenti Nru. 93);

2. Illi l-proċedura kollha dwar dawn l-Estimi Supplimentari ma għandhiex tieħu aktar minn seduta waħda; u li f'din is-sedata l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun fid-9.30 p.m. u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx u l-Kamra taġġorna mingħajr ma ssir il-mistoqsija.

3. Illi d-diskussjoni:

(a) fuq il-mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni ta' l-Estimi Supplimentari ta' nefqa għas-sena finanzjarja 1978/79; u

(b) fil-Kumitat ta' Provvista; u

(c) fuq ir-Riżoluzzjoni li tawtorizza n-nefqa; u

(d) fuq l-Abbozz ta' Liġi ta' Approprjazzjoni fl-istadji kollha;

għandha tieqaf fid-9.30 p.m. jekk ma tkunx intemmet qabel, u li f'dan il-ħin issir, mingħajr diskussjoni, kull mistoqsija li jkun hemm bżonn dwar il-bqija tal-proċedura kollha, kif imsemmi fil-paragrafu 2; u kif stipulata f'dan il-paragrafu;

Iżda fil-Kumitat ta' provvista, kif ukoll fil-Kumitat ta'l-Abbozz ta' Liġi ta' Approprjazzjoni, anke jekk ikun għċadda l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, Ministru jista' jressaq emendi u /jew klawsoli ġodda mingħajr avviż, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jistaż wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fżdawn il-Kumitati, fejn il-mistoqsija fuq emendi, jew klawsoli, jew klaqsoli ġodda mingħajr avviż, titqiegħed mingħajr diskussjoni;

4. Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, kif stipulata fil-paragrafu 3, ma jittieħdux fil-ħin li fih jintalbu, iżda jittieħdu fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol; u billi l-ewwel votazzjoni tittieħed wara ħames minuti li tintalab u l-votazzjonijiet l-oħra kollha, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament wara, mingħajr ma jgħaddu l-għoxrin minuta bejn votazzjoni u oħra (Ref. Ordni Permanenti Nru. 84).

12.01.1979